# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI 2002
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| Is-Sitt Sena | Malti (Qari) | Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**A. Immarka (✓) taħt IVA jew LE.**

1. Fl-ajruport rajt vapur.
2. It-tiġieġa tinħaq.
3. Is-Sajf hu staġun kiesaħ.
4. Lira fiha mitt ċenteżmu.
5. Min hu puntwali jkun dejjem fil-ħin.
6. Il-kappillan imexxi l-Kunsill Lokali.
7. Fil-Karnival nilbsu xi kostum.

| IVA | LE |
|---|---|
| | ✓ |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

**(3 marki)**

**B. Agħmel sinjal taħt il-kelma li ma taqbilx.**

1. raġel, mara, amorin, tifla, ziju
2. iljun, tigra, iljunfant, ors, kanarin
3. kompjuter, vjola, aħmar, ikħal, isfar
4. lampuka, fjura, sawrella, vopa, paġella
5. widnejn, riġlejn, għajnejn, saqajn, ħdejn
6. zokk, werqa, għeruq, xadina, fjura
7. tabib, għalliem, klassi, skola, surmast

**(3 marki)**

**Ċ. Għaqqad kolonna A ma' kolonna B bin-numri.** **(3 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1 | It-tifel waqa' | | u sar aħmar nar. |
| 2 | Fil-Milied | 1 | u kiser siequ. |
| 3 | Bil-ġiri li ġera | | timtela l-ġarra. |
| 4 | Bil-qatra l-qatra | | meta ra ħafna demm. |
| 5 | Hu beża' | | sar għarqan xraba. |
| 6 | Ħija staħa | | l-istaġun tal-festi. |
| 7 | Is-Sajf hu | | niftakru fit-twelid ta' Ġesù. |

**D. Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha.**

1. Erfa' u sorr għal meta tiġi (omm, bżonn, tonn, fomm).
2. Serraħ (idek, ilsienek, rasek, widintek) għax mort tajjeb fl-eżami.
3. Jiena se (mmur, mar, mort, morna) nara film.
4. Ir-raġel weġġa' gravi u ħaduh l-(iskola, isptar, università, għalqa).
5. Toni (żar, żahar, żgħar, żaret) lil ommu fid-dar ta' l-anzjani.
6. Fil-Milied smajt il-(praspar, president, presepju, priedka) tat-tifel.

**(3 marki)**

**E. Ħdejn l-isem fil-kaxxa, ikteb in-numru ta' l-oġġett immarkat. Ara l-ewwel (1) waħda.**




| | |
|---|---|
| beritta | |
| żarbun | |
| tuffieħa | |
| xagħar | |
| bagalja | |
| nuċċali | 1 |
| qalziet | |

**(3 marki)**

**SKEJJEL PRIMARJI**
**EŻAMIJIET ANNWALI 2002**
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

IS-SITT SENA MALTI (KITBA) ĦIN: Siegħa u Nofs

| | |
|---|---|
| Isem | ______________________________ |
| Skola | ______________________________ |
| Klassi | ______________________________ |
| Marki | |

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.



**AQRA DIN IS-SILTA**

"Issa ejja naraw x'fiha din, Nann," qalet Amanda hi u tiftaħ it-tielet kaxxa. Fil-kaxxa rat santa ta' Kristu fl-Ort. Kif ħaditha f'idha ndunat li kienet doppja u li setgħet tinfetaħ ktieb. Meta mbagħad fetħitha sabet werqa niexfa tawwalija, imwaħħla mas-santa. Fuqha kien hemm kliem stampat bl-Ingliż. "Din il-werqa x'inhi Nann?" staqsiet it-tifla. "Għaliex tinsab mwaħħla mas-Santa?" **(Par. 1)**



"Dik is-santa, hekk kif inhi bil-werqa b'kollox, kien ġabha ħabibi mill-Palestina," fisser n-Nannu. "Ħabibi mar hemmhekk ħafna snin ilu u kien ġabha bħala tifkira ta' l-Art Imqaddsa. Illum sieħbi Toni ilu taħt it-trab, Alla jaħfirlu, iżda s-santa bil-werqa għadni nżommha". **(Para. 2)**

"Imma din il-werqa niexfa x'fiha speċjali, Nann? U x'inhi tagħmel fis-santa?"

"Dik hija werqa taż-żebbuġ minn siġra mill-Ort tal-Ġetsemani. Hekk miktub fuq is-santa. Is-santa tgħidlek ukoll li fil-Ġnien taż-Żebbuġ hemm tmien siġriet li għandhom minn żmien Kristu." **(Par. 3)**

"Dawn is-siġar baqgħu ħajjin sal-lum?!"

"Hekk juruna ċerti testijiet xjentifiċi. Iż-żebbuġa hija siġra li tgħix ħafna. Dawn it-tmienja rnexxielhom jibqgħu ħajjin matul dan iż-żmien kollu. Dawk it-tmien siġriet kienu hemm meta l-Imgħallem għereq l-għaraq tad-demm." **(Par. 4)**

"Allura nifhem li din il-werqa ġejja minn xi waħda minn dawk it-tmien siġriet."

"Hekk hu! Hekk tgħid il-kitba fuq is-santa. Din il-werqa hija għażiża wisq għalija! Meta nħares lejha niftakar fit-tbatija ta' Ġesù." **(Par. 5)**

**WERQA FIS-SANTA – addattata minn *It-Tifkiriet tan-Nannu Lipp* ta' Carmel G. Cauchi**

**A. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar is-silta li qrajt: (10 marki)**

1. X'rat Amanda fit-tielet kaxxa? **(par. 1)** ________________________________

   ____________________________________________________________

2. Kif kienet il-werqa? **(par. 2)** ________________________________________

   ____________________________________________________________

3. Kien hemm kliem miktub (bil-Malti, bit-Taljan, bl-Ingliż). **(par. 1)**

4. Minn fejn ġab il-werqa l-ħabib tan-nannu? **(par. 2)** ______________________

___________________________________________________________________

5. Minn fejn inqatgħet dik il-werqa? **(par. 3)** ______________________________

___________________________________________________________________

6. X'jismu dan l-Ort speċjali? **(par. 3)** ___________________________________

___________________________________________________________________

7. Is-siġar taż-żebbuġ għandhom daqs (1000, 2000, 3000) sena. **(par.3)**

8. Is-siġar ilhom minn żmien Sidna Ġesù. Kif nafu? **(par. 4)** ________________

___________________________________________________________________

9. Xi tgħid il-kitba fuq is-santa? **(par. 5)** __________________________________

___________________________________________________________________

10. Fiex jiftakar in-nannu meta jara l-werqa? **(par. 5)** ______________________

___________________________________________________________________

**B. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba:** **(10 marki)**

1. "u meta **ħaditha**" **(par. 1)** – x'ħadet? (a) kaxxa (b) santa (ċ) werqa

2. "**ndunat** li kienet doppja" **(par. 1)** – it-tifsira ta' **ndunat** hi:
   (a) ntebħet (b) ftakret (ċ) insiet

3. "mill-verb **tiftaħ**" **(par. 1)** – il-**mamma** tiġi: (a) fetħet (b) fetaħ (ċ) f - t – ħ

4. "Toni ilu **taħt it-trab (par. 2)** – din l-**idjoma** tfisser:
   (a) tħammeġ fit-trab (b) naddaf iżda tħammeġ (ċ) miet

5. "s-santa bil-werqa għadni nżomm**ha**" **(par. 2)** – il-pronom mehmuż **ha** qed jirreferi: (a) għas-santa (b) għal Amanda (ċ) għall-werqa

6. "l-**Ort** tal-Ġetsemani" **(par. 3**) – kelma oħra minflok **ort** hi:
   (a) bitħa (b) palazz (ċ) ġnien

7. "dawk it-tmienja" **(par. 4)** – min huma? (a) siġriet (b) werqiet (ċ) testijiet

8. "Iż-żebbuġa hija siġra li **tgħix** ħafna." (par. 4) – **tgħix** fin-negattiv:
   (a) ma tgħixx (b) ma tgħix (ċ) ma' tgħixx

9. "Dawk it-**tmien** siġriet" **(par. 4)** – kieku kienu 7 siġriet, konna niktbu:
   (a) seba' (b) sebgħa (ċ) saba'

10. "hija **għażiża** wisq għalija **(par. 5)** – kieku kienet **l-aktar għażiża** hija:
   (a) l-egħżeż (b) l-għazz (ċ) l-għażż

**(Ċ) Ikteb *l-għadd imtenni* tal-kliem fil-parentesi:** **(5 marki)**

eż. ***(widna)*** L-iljunfant għandu ***widnejn*** kbar biex iżomm ruħu frisk.

1. ***(darba)*** S'issa mort _______________ sar-riserva ta' l-Għadira.
2. ***(elf)*** Ġesù twieled madwar ______________ sena ilu.
3. ***(kelma)*** Il-______________ tal-kappillan għoġbuni.
4. ***(jum)*** It-tifel mar ______________ għand in-nanna.
5. ***(demgħa)*** Meta rajt it-traġedja, qabżuli _______________ .

**(D) Daħħal *tifsira* minflok dik il-kelma fil-parentesi:** **(5 marki)**

eż. ***(lemħet)*** Amanda ***rat*** werqa mehmuża mas-santa.

1. Dan il-***(kulur)*** _______________ jixraq ħafna.
2. Qattajna ***(ġurnata)*** ______________ niġġerrew fil-***(bosk)*** ______________ .
3. Għal kull ***(domanda)*** _______________ hemm ***(risposta)*** ______________ .

**(E) Erġa' ikteb mill-ġdid dis-sentenza. Daħħal il-punteġġjatura. (5 marki)**



għandek bżonn xi għajnuna staqsiet l-għalliema

_______________________________________________

_______________________________________________

**(F) Imla l-vojt bl-*Imperattiv* tal-verb:** **(5 marki)**

eż. ***(fetaħ)*** Amanda, ***iftaħ*** il-kaxxa.

1. ***(resaq)*** Toni, ________________’ l hawn ħa tara aħjar.
2. ***(rabat)*** Il-qawl jgħidlek, “_______________ il-ħmar fejn jgħidlek sidek.”
3. ***(rikeb)*** “_______________ fuq ix-xarabank,”qalilhom ix-xufier.
4. ***(għamel)*** Sinjuri, ______________ kuraġġ.
5. ***(beża’)*** Tfal, ______________ għall-ambjent.

**(Ġ) Immaġina li int għasfur. Il-bejta tiegħek tinsab ġo klassi.**

**Ikteb *ħames* sentenzi dwar dak li jiġri fil-klassi matul il-jum.** **(5 marki)**



_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**(G) Imla bl-*idjoma* adattata:** **(5 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| ***bejn sema u ilma*** | ***b’saqajh ma’ dahru*** | ***denbu taħt il-blata*** |
| ***għadma u ġilda*** | | ***ix-xlief ma jlaħħaqx*** |

1. Il-kelb marad u sar _______________________________________.
2. It-tifel jaf li għamel ħażin u għalhekk jinsab ___________________________.
3. Aħna ma xtrajniex il-kompjuter għax ______________________________.
4. Il-mutur tal-luzzu waqaflu u sab ruħu ____________________________.
5. Il-ħalliel ġera ______________________________ biex ma jinqabadx.

**(Għ) Imla l-vojt b'dawn il-kliem:** **(5 marki)**

| żar ---- żgħar ---- Ħadd ---- ħadd ---- ħadt |
|---|

Il-_______________ li għadda, Frans _______________ lil ommu fid-dar ta' l-anzjani. Hu ħa t-tlett itfal ______________ tiegħu. Iżda meta wasal, ma sab lil _______________! B'xorti tajba, ra lil ommu ġejja bil-mod.

"L-anqas ħaqq il-qatgħa li _____________," gerger Frans minn taħt l-ilsien.



**(Ħ) Ikteb sentenza fuq kull stampa – ħamsa b'kollox.** **(5 marki)**

1



2



3



4



5



1. ________________________________________________________________
________________________________________________________________
2. ________________________________________________________________
________________________________________________________________
3. ________________________________________________________________
________________________________________________________________
4. ________________________________________________________________
________________________________________________________________
5. ________________________________________________________________

**<u>(Ħ) Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar *wieħed* minn dawn is-suġġetti</u>:** **(25 marka)**

**1.** Fil-klassi ġiet tifla minn skola oħra. Fil-brejk rajt it-tifla mdejqa għax ma kellhiex ħbieb u kienet waħedha. **Għid x'għamilt biex irranġajt din is-sitwazzjoni.**

**2.** Kompli dan ir-rakkont: **Missieri kien għadu kif daħal id-dar wara ġurnata xogħol idur bix-xarabank. Deher inkwetat……………………………………**

**3.** Kont qed tistenna ma' ħabibek\ħabibtek il-mini-bus għall-iskola. Fid-daqqa u l-ħin rajt żewġt irġiel ikissru l-ħġieġ ta' dar privata u daħlu ġewwa. **Kienet qed isir serqa. Ikteb x'għamiltu intom.**



**4.** Reuben m'għamilx ix-xogħol li tatu l-għalliema. Kompli dan id-***djalogu*** bejn Reuben u l-għalliema tiegħu.

**L-għalliema:** Tfal, oħorġu l-*homework* li tajtkom il-bieraħ.

**Reuben:** Miss, ma nistax insibu. Fittixtu …………………………..

**5. Il-Buli.**

(Uża dawn l-istampi biex jgħinuk.)

